MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 748/2003

**Galea Insurance Brokers Ltd**

**vs**

**Farstone Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' April, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm1023) rappresentanti hlas ta' poloz ta' l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici favur is-socjeta konvenuta, liema poloz gew imhallsa permezz ta' cekk li ma issarrafx, meta gie ippresentat ghal hlas mal-bank.

Ra s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma ipprezentatx risposta fir-rigward, ghalkemm giet awtorizzata taghmel dan b'digriet tat-23 ta' Mejju 2003.

Ra n-nota tas-socjeta attrici tal-24 ta' Settembru 2003, li permezz taghha gie rilevat illi is-socjeta attrici hallset is-sorte tal-kawza, izda mhux l-ispejjez u ghalhekk s-socjeta attrici zammet ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, stante illi illum l-istess jinsab esawriet stante pagament mis-socjeta konvenuta fil-mori tal-kawza, jikkundanna is-socjeta konvenuta ihallsu l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------